# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 710/12/2 JPG**

**Charles u Carmen konjugi Azzopardi**

**v.**

**J.C.R Limited (C6029)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqu l-atturi fit-13 ta' Lulju, 2012, u li jaqra hekk:

> "Jesponu riverentement u bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw li jafu personalment is-segwenti;
>
> "1. Illi s-soċjeta` intimata ġiet inkarigata mir-rikorrenti sabiex tissuplixxi u tqiegħed fil-fond tar-rikorrenti 13, Pixxispada, J. Kepler Street, Mellieħa membrane likwidu għat-terrazzin madwar il-'pool area' kif ukoll għal livell tal-bejt u tapit artifiċjali għal madwar il-'*pool area*'.

“2. Illi xi żmien wara li s-soċjeta` intimata lestiet ix-xogħlijiet, bdew jidhru xquq u ‘*blistering*’ fil-membrane u meta qalu lis-soċjeta intimata, din ipprovat tirrimedja billi għamlet xi xogħlijiet ta’ riparazzjoni, pero` l-‘blistering’ reġa’ tfaċċa, tant li l-problema kibret u skond pariri professjonali li ħadu l-atturi l-membrane għandu jiġi kompletament mibdul;

“3. Illi dan il-‘blistering’ u xquq ossia difetti ma kienux visibbli meta tqiegħed il-membrane u t-tapit artifiċjali u ħarġu biss wara t-tqegħid u saru progressivament aktar evidenti;

“4. Illi kull tentattiv tas-soċjeta` intimata biex tirrimedja kien inutli;

“5. Illi għalhekk jirriżulta li l-membrane likwidu mertu ta’ din il-vertenza kien milqut minn difetti serji li ma kienux viżibbli fil-mument tat-tqegħid fil-post u/jew ix-xogħlijiet ta’ tqegħid ma sarux skond is-sengħa u l-arti;

“6. Illi fiż-żewġ ipotesi deskritti fil-paragrafu 6 ta’ dan ir-rikors ġuramentat, is-soċjeta` intimata hija responsabbli sabiex tirreintegra lir-rikorrenti;

“7. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluż ittra bonarja datata 5 ta’ Jannar 2011 (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A), f’dan is-sens, is-soċjeta` intimata baqgħet ma offrietx rimedju sodisfaċjenti u għaldaqstant r-rikorrenti ma kellhomx triq oħra għajr li jipproċedu b’din il-kawża.

“Għaldaqstant jitolbu bir-rispett r-rikorrenti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddeċiedi din il-kawża billi salv kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u meħtieġa:

“1. Tiddikjara illi l-membrane likwidu supplit u mqiegħed mis-soċjeta` intimata fil-fond tar-rikorrenti 13, Pixxispada, J. Kepler Street, Mellieħa ma kienx tal-kwalita` pattwita u/jew kienet affetta minn difetti moħbija li kieku r-rikorrent kien jaf dwarhom ma kienx jixtrih;

“2. Tirrexxindi l-kuntratt li permezz tiegħu ġie supplit il-membrane in kwistjoni u tordna ir-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-mument li kienu jinsabu immedjatament qabel ma ġie konkjuż il-kuntratt;

“3. Alternattivament tiddikjara li x-xogħlijiet imwettqa mis-soċjeta` intimata ma kienux skond is-sengħa u l-arti u huma tali li jistgħu jiġu rifjutatu mir-rikorrenti;

“4. Tiddikjara konsegwentement għat-talba numru 3 li s-soċjeta` intimata kkaġunat danni lir-rikorrenti meta naqqsu li jadempixxu fedelment l-obbligi tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti u filwaqt li tillikwida l-istess danni, tordna l-ħlas tal-istess bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta’ dan ir-rikors ġuramentat;

"5. F'każ li jirriżulta li s-soċjeta` intimata kienet a konnoxxenza tad-difetti msemmija qabel ma tqiegħed il-membrane likwidu fil-post, tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas kull dannu ulterjuri permissibbli skond il-liġi;

"Bl-ispejjeż tal-preżenti inklużi dawk tal-ittra bonarja mibgħuta qabel il-presentata ta' dan ir-rikors ġuramentat u ta' kull att kawtelatorju ppreżentat fil-mori ta' din il-kawża;

"B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti f'dan ir-rikors ġuramentat;"

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi prelimarjament l-atturi jridu jiċċaraw l-azzjoni konfuża tagħhom u jispeċifikaw liema azzjoni qiegħdin jeżerċitaw bil-kawża minhom promossa, u ċioe` waħda mis-segwenti:

"i) azzjoni bbażata fuq il-garanzija tal-bejgħ, senjatament dika bażata fuq difetti okkulti;

"ii) azzjoni ibbażata fuq kwalita mhux patwita;

"iii) azzjoni ibbażata fuq kuntratt ta' appalt allegatament konkluż bejn il-kontendenti.

"Fi kwalunkwe każ huwa paċifiku li l-azzjonijiet fuq indikati, kollha imsemmija fil-kawża attriċi, ma jistgħux jiġu promossi kumuluttivament.

"2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost;

i) għal dak li jirrigwarda l-azzjoni ibbażata fuq difetti okkulti it-talba attriċi hija perenta ai termini tal-artikolu **1431 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

ii) ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni attriċi bbażata fuq nuqqas ta' kwalita` patwita l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu **1407 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;** u

iii) għal dak li jirrigwarda l-azzjoni attriċi ibbażata fuq l-appalt l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu **2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

"3. Illi s-soċjeta` esponenti biegħet biss *membrane* likwidu lill-atturi, u ma huwiex minnu li hija ħadet ħsieb l-installazzjoni tal-istess

*membrane* likwidu jew tapit artifiċjali għal madwar il-*pool area*. Għaldaqstant it-talbiet attriċi kollha imsejsa fuq il-kuntratt ta' appalt għandhom jiġu mill-ewwel miċħuda.

"4. Illi l-anqas ma huwa minnu li s-soċjeta` esponenti eżegwiet xogħolijiet ta' riparazzjoni kif allegat mill-atturi.

"5. Illi ma huwiex minnu li l-*membrane* likwidu kien aflitt minn difetti okkulti. Fi kwalunkwe każ jispetta lill-atturi iressqu prova konklussiva tal-allegati difetti.

"6. Illi jekk ix-xogħolijiet ta' tqegħid tal-*membrane* likwidu ma sarx skond is-sengħa u l-arti żgur li taħti xejn is-soċjeta` esponenti, li kif rajna ma kellha assolutament xejn x'taqsam mal-applikazzjoni tal-istess *membrane* likwidu. Fil-fatt ir-rapport tal-Perit Ruben Sciortino eżebit bħala Dok. B maċ-ċitazzjoni attriċi jgħid espressament illi l-problemi li rriżultaw fil-membrane setgħu irriżultaw minn "*bad workmanship (bad mixing and laying)".*

"7. Illi għal dak li jirrigwarda l-allegata defiċjenza fil-kwalita` patwita, l-atturi għandhom fl-ewwel jispeċifikaw fuq liema kwalita` imwiegħda qiegħdin isejsu t-talba tagħhom. Jiġi rilevat ukoll illi mal-akkwist tal-*liquid membrane* (u saħansitra anke meta saritilhom il-*quotation* relattiva) l-atturi kienu fil-pussess tat-*technical specification sheet* relattiva.

"8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti ma tista` taħt l-ebda ċirkustanza tiġi legalment ikkundannata tħallas danni lill-atturi.

"9. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom jipprovaw id-danni li allegatament inkorrew."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta` ntimata, tiddikjara illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet u eċċezzjonijiet ulterjuri tal-kontendenti.

"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**Ikkonsidrat:**

“**Carmela Azzopardi** xehdet a fol 29a-g illi hija kienet qiegħda fil-proċess li tibni l-proprjeta tagħha u meta waslet biex tagħmel il-bejt, fis-sena 2008, kienet marret għand is-soċjeta ntimata biex tistaqsi x'għandhom bħala prodotti għal membrane u waterproofing u informazzjoni oħra rigward dawn il-prodotti, pre eżempju rigward il-garanzija u kemm idumu jservu minħabba x-xemx u s-silġ. Hi stqarret magħhom li ma kienetx tifhem f'dawn il-prodotti u talbet li tingħata l-prodott adattat għal bżonnijiet tagħha. Qalulha biex tħalli f'idejhom u sussegwentement bagħtulha stima. Hija aċċettat din l-istima, u kienet intalbet depożitu.

“Qalet li hija kienet staqsiet lis-soċjeta ntimata min kien ser jagħmel ix-xogħolijiet, u qalulha biex tħalli f'idejhom għaliex kienu ser iqabbdu lil xi ħadd espert huma, u hi aċċettat peress li ma kienx tifhem fil-prodott. Il-persuna li kienet marret għandha biex tagħmel dawn ix-xogħolijiet kien ċertu Leli, li kien qiegħed il-materjal fuq id-deck u l-pool u fuq il-bejt. Qalet illi Karmenu, rappreżentant tas-soċjeta ntimata, tkellem ma' Leli u ftiehem miegħu, kif kellu jitħallat u jitqiegħed il-materjal.

“Kompliet li wara tliet ġimgħat kienet marret fuq il-bejt biex tiċċekja l-prodott kif inhu, u rat ħafna bżieżaq u għalhekk ċemplet lil Karmenu. Huwa qalilha li dan ma kien xejn u li kien ser imur jirranġah, u dan filfatt kien sar minn Leli fil-preżenza ta' Karmenu. Pero xi tliet ġimgħat jew xahar wara, reġgħu bdew telgħin il-bżieżaq, fuq l-istess parti u anke f'ħafna bnadi oħrajn. Hija reġgħat ċemplet lil Karmenu. Qalet li kien hemm diversi laqgħat bejna u bejn Karmenu biex jaslu għal ftehim bonarju, li eventwalment kien offrilha somma ta' tlett elef Ewro bħala kumpens tal-materjal iżda hi ma aċċettatx. Qalet li dawn in-negozjati kienu damu iżjed minn sena u nofs.

“In kontro-eżami a fol 29g-o xehdet illi hi ma ħallsitx lill-ħaddiem għaliex mhux hi qabbditu, iżda ma kienitx taf min ħallsu. Hi ħallset kont wieħed, ta' Karmenu Attard, biss. Il-ħaddiem, Leli, ma kienx ħareġ kont. Mistqosija jekk qattx talabha ħlas, wieġbet illi iva darba kien talabha u hi wieġbitu “min qabbdek għax ix-xogħol ħażin.” Qalet illi lil Leli kienet ilha tafu mit-2006 għaliex kien għamilha l-madum, pero għat-tqiegħed tal-membrane Karmenu kien qabbdu mhux hi, għaliex sa fejn kienet taf hi Leli fit-tqiegħed tal-madum kien jifhem. Hija ikkonfermat li fl-invoices imkien ma hemm prezz għat-tqiegħed tal-membrane.

“Murija pamphlet, ma ftakritx li kienet ġiet murija dokument simili meta xtrat il-prodott. Mistoqsija jekk hijiex żgura illi intużat il-membrane supplita mis-soċjeta rikorrenti, qalet illi ma tafx.

“**Manuel Mifsud** xehed a fol 48 – 53 xehed illi huwa kien għamel xogħolijiet ta' tqiegħed ta' membrane fuq il-bejt u d-deck area tal-proprjeta tar-rikorrent. Mistoqsi mill-Qorti min kien qabbdu biex jagħmel

dan ix-xogħol wieġeb "*Il-klijenta marret isaqsi għall-prodott u minn fejn marret issaqsi għall-prodott qallha dak aħna nagħmlu, qallha, għandek min jagħmilulek? U kien jaf li hemm jien naħdem għandha. Qallha, dak mela moħħi mistrieħ minnu. Jaf jagħmlu għax speċi aħna xbajna nagħmluh*."

"Mistoqsi min kien ġablu il-prodott, wieġeb illi l-prodott kien intbgħat mis-soċjeta ntimata fuq il-post. Kien hemm komunikazzjoni bejnu u bejn is-soċjeta ntimata rigward kif jitħallat il-prodott u kif jinħadem, u qablu għaliex hu kien ħadem dan il-prodott kemm -il darba. Qal illi l-prodott ma jafx x'jismu bl-amment, iżda li jħallat xkora materjal ma gallun likwidu speċjali. Muri Dok CAX13 a fol 42 ftakar illi l-prodott jismu Sicav Floor. Huwa qal li l-prodott kien xtraħ mingħand 'Nenu' illi huwa għaraf bħala rappreżentant tas-soċjeta' intimata fl-awla.

"Xehed illi xi xahar wara li kien għamel dan ix-xogħol kien mar biex jitħallas mingħand ir-rikorrenti qaltlu li hi ma kienetx ser tħallsu għaliex il-materjal kien qed jitfarrak. Għalhekk kien mar jaraħ u sab illi l-materjal kien qed itella l-bżieżaq, jinqasmu u jitfarrak. Għalhekk mar ikellem lil Nenu, li qallu li kien ser jagħtih ftit materjal u mar lura għand ir-rikorrenti biex jirranġaħ. Pero` baqa jkompli jitla u jinqala, u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar beda jitfarrak u jinqala. Mistqosi x'kienet ir-reazzjoni ta' Nenu meta qallu b'din il-problema wieġeb illi Nenu kien issugerixxa li kien ħadmu ħażin.

"In kontro-eżami a fol 53 – 56 xehed illi huwa ma kienx mar mar-rikorrenti meta marret tixtri l-prodott. Mistoqsi jekk kienetx hi li inkarigatu biex jagħmel ix-xogħol wieġeb illi iva kienet ir-rikorrenti li inkarigatu, pero bil-kunsens ta' Nenu għaliex Nenu kien jaf li jagħmel dan ix-xogħol. Mistqosi jekk rax l-instruction sheet li kien hemm mal-prodott u jekk ħadimx skont din l-instruction wieġeb fl-affermattiv apparti minn hekk kien staqsa lil Nenu u ħadem eżatt kif qallu hu.

"**Carmel Attard** xehed a fol 83 – 86 illi huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta ntimata u li lir-rikorrenti kien biegħilhom grey elasto li huwa materjal biex isir *waterproofing* fuq il-bejt u d-deck area madwar il-pool. Kienet is-Sinjura Azzopardi stess li marret għandhom u hu kien issuġerilha dan il-materjal u ta data sheet li tinsab eżebita a Fol 45 biex titkellem mal-perit tagħha, kif ukoll il-prezzijiet. Ftit tal-jiem wara kienet marret, u kienu innegozzjaw fuq il-prezz. Kienet staqsietu jekk ikunx lest illi jispjega lill-ħaddiem kif jaħdem b'dan il-prodott u huwa kien wieġeb fl-affermattiv, u kien wasslulha l-materjal id-dar. Xi jiem wara kien mar biex jispjega lill-ħaddiem kif juża l-prodott.

"Kompla illi huwa kienu provdew lir-rikorrenti bil-prodott biss, **u l-ħaddiem kien inkarigat dirett minnhom u kellhom iħallsuh huma.** Filfatt ir-rikorrenti lilu ħallsuh biss tal-prodott. Mistoqsi jekk qatt tkellimx mal-perit tar-rikorrenti, qabel jew wara li sar ix-xogħol wieġeb fin-negattiv.

"**Ikkonsidrat;**

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti issottomettew illi l-azzjoni tagħhom m'hijiex ibbażata fuq l-ebda artikolu tal-Kodiċi Ċivili iżda hija filfatt ibbażata fuq l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, senjatament fuq l-Artikolu 73 tal-istess Att, u li għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex preskritta ai termini tal-Artikolu 78 ta' dan l-Att.

"Il-Qorti tibda billi tikkonsidra is-sottomissjoni responiva tas-soċjeta ntimata illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tkun ibbażata fuq l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur peress illi skont l-Artikolu 20, id-disposizzjoniet ta' dan l-Att m'humiex applikabbli fejn it-talba attriċi teċċedi s-somma ta' €3,500.

"Skont l-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 378:

> *"Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500), u meta t-talba jkollha x'taqsam ma', toħroġ minn jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament - (a) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant; (b) l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur."*

"Relevanti wkoll pero huwa t-tieni sub-inċiż tal-istess Artikolu, illi jipprovdi b'mod espress u espliċitu illi t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi mwaqqaf b'dan l-Att **m'għandux gurisidizzjoni esklussiva:**

> *"Il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ma għandhiex tkun waħda esklussiva, u l-għażla tkun f'idejn il-konsumatur dwar jekk għandux iġib azzjoni kontra kummerċjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji..."*

"Minn qari ta' dan l-Artikolu il-Qorti tqis illi s-sottomissjonijiet tas-soċjeta ntimata f'dan ir-rigward huma nfondati. Huwa ċ-ċar li l-limitu ta' €3,500 huwa applikabbli biss fil-konfront tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, u mhux fir-rigward tal-qrati ordinarji.

"Jidher anzi illi l-Kapitolu 375 jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-konsumatur biex jagħżel hu il-mezz l-iktar idoneju biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, billi jagħtih fakulta illi jressaq l-ilment tiegħu permezz ta' mezzi alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim (*alternative dispute resolution*), billi jressaq l-ilment quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, jew billi jintavola azzjoni quddiem il-qrati ordinarji. Dan il-Kapitolu jillimita l-gurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi għal talbiet li ma jeċċedux is-somma ta' €3,500, iżda fl-istess nifs jagħmilha ċara illi l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma teskludix il-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji. Fl-ebda mument ma jgħid il-leġislatur illi l-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji superjuri qed tiġi eskluża; dak li jirriżulta mill-liġi huwa illi l-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji, mingħajr distinzjoni bejn dawk inferjuri u superjuri, m'hijiex eskluża bil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Minn qari ta'

dan l-Att ma jidhirx illi l-leġislatur ried jillimita l-estent tal-protezzjoni għal konsumatur ta' dan l-att għal dawk l-ilmenti illi ma jeċċedux il-valur ta' €3,500, iżda illi ried biss jillimita l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit*, il-Qorti tqis illi s-sottomissjoniet tas-soċjeta ntimata fir-rigward tal-kompetenza tal-qrati ordinarji superjuri sabiex jisimgħu azzjonijiet ibbażati fuq l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi huma nfondati.

"Ċioe nonostate, minn qari tar-rikors ġuramentat il-Qorti tqis fondat l-argument tas-soċjeta ntimata illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex u ma tistax tkun ibbażata fuq il-Kapitolu 375. Il-lingwaġġ użat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom juri biċ-ċar illi l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq il-Kodiċi Ċivili u mhux fuq l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi. Filwaqt illi l-Kodiċi Ċivili jitkellem rigward kwalita pattwita u difetti moħbija, il-Kapitolu 375 jitkellem dwar oġġetti li jkunu "*...konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ...*"; "*...adattati għall-iskop partikolari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lill-kummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt*"; "*...adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw*"; u "*...juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna*."

"Fil-każ odjern, ir-rikorrenti ma intavolawx din l-azzjoni għaliex il-prodott mibjugħ lilhom mis-soċjeta ntimata ma kienx konformi mad-deskrizzjoni fil-kuntratt tal-bejgħ, jew għaliex ma kienx adattat għal-iskop partikolari jew li għalih normalment jintuża l-oġġett, jew li ma weriex il-kwalita u l-kapaċita li huma normali u li r-rikorrenti bħala konsumaturi setgħu raġonevolment jistennew. Minflok, kif jidher mid-diċitura tar-rikors tagħhom, **l-atturi bbażaw din il-kawża fuq difett moħbi u/jew nuqqas ta' kwalita moħbija, kawżali estranei għal Kapitolu 375.**

"Għalkemm ir-rikorrenti kellhom kull dritt illi jintavolaw l-azzjoni tagħhom ai termini tal-Kapitolu 375, **ma kellhomx dritt illi jibdlu għal kollox is-sura tal-azzjoni tagħhom fin-nota ta' sottomissjonijiet**. Ma jkunx ġust fil-konfront tas-soċjeta ntimata jekk din il-Qorti tippermetti lir-rikorrenti jibdlu l-indoli tal-azzjoni proprju fl-aħħar minuta mingħajr l-ebda pre-avviż lis-soċjeta ntimata li għandha dritt fondamentali għall-*equality of arms* f'litigazzjoni. Galadarba ir-rikorrenti għażlu li jistitwixxu l-azzjoni tagħhom fuq id-dettami tal-Kodiċi Ċivili, ma jistgħux issa jinvokaw korp ta' liġi ieħor; semmai messhom talbu permess lil Qorti sabiex jagħmlu korrezzjoni fl-att promotur biex b'hekk is-soċjeta ntimata kien ikollha ċ-ċans illi tirrispondi, u jekk jingħata permess għal korrezzjoni, illi tiddefendi ruħha kontra din il-pretensjoni tar-rikorrenti.

"Għalhekk il-Qorti tqis illi is-sottomissjoni tar-rikorrenti illi l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq il-Kapitolu 375 u mhux fuq il-Kodiċi Ċivili huma insostenibbli.

"**Ikkonsidrat;**

“Is-soċjeta ntimata eċċepiet preliminarjament illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda konfuża, peress illi r-rikorrenti ipproponew l-azzjoni tagħhom ibbażat fuq difett moħbi, kif ukoll nuqqas ta' kwalita pattwita, liema kawżali ma joqogħdux flimkien.

“Kif ġie kostantament ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, iż-żewġ azzjonijiet proposti mir-rikorrenti jittrattaw żewġ tipi ta’ azzjonijiet ben differenti u distinti minn xulxin, u ma humiex konfondibbli. Fil-fatt, l-azzjoni redhibitoria tagħti garanzija lix-xerrej għal difett latenti jew moħbi eżistenti fil-mument tal-bejgħ fl-oġġett mertu tal-bejgħ u xiri, mentri min-naħa l-oħra l-azzjoni abbażi tal-artikolu 1390 titratta dwar il-fatt li l-oġġett mertu tal-bejgħ ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oġġett ikun fih xi difett.[1] Dawn iż-żewġ kawżali ma joqgħodux flimkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda.[2]

“Għalhekk huwa meħtieġ illi wieħed iqis sewwa x'inhi n-natura tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti bnew l-azzjoni tagħhom għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ minħabba illi l-prodott 'ma kienx tal-kwalita pattwita u/jew kien[et] affet[a] minn difetti moħbija **li kieku r-rikorrent kien jaf dwarhom ma kienx jixtrih**.” Dan il-kliem jagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi r-rikorrenti qed jgħidu li ġew indotti fi żball ta' sustanza dwar il-ħaġa mixtrija u li jagħtihom il-jedd jitolbu l-ħall tal-kuntratt. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-vera bażi tal-azzjoni rikorrenti hija l-azzjoni kuntrattwali u mhux dik edilizja, jew kif ukoll magħrufa, l-azzjoni tal-garanzija.

“Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tkun ibbażata fuq appalt, peress illi ma tressqux provi suffiċjenti quddiem din il-Qorti biex jistabilixxu l-eżistenza ta' appalt. Għalkemm Azzopardi xehdet illi kienet is-soċjeta ntimata illi ingaġġat lil ħaddiem li qiegħed il-membrane in kwistjoni, din ix-xhieda ġiet kontradetta mhux biss mir-rappreżentant tas-soċjeta ntimata, iżda anke mill-ħaddiem stess u ċioe Manuel Mifsud li mistoqsi min kien qabbdu biex jagħmel ix-xogħol in kwistjoni wieġeb illi kienu ir-rikorrenti li inkarigawħ. Fin-nuqqas tal-eżistenza ta' kuntratt ta' appalt, l-azzjoni tar-rikorrenti żgur li ma tistax tiġi msejsa fuq il-kuntratt ta' appalt.

“Din l-eċċezzjoni tas-soċjeta ntimata qiegħda għalhekk tiġi milqugħa, u l-Qorti qed tqis illi din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili.

“**Ikkonsidrat;**

1 **Reuben Briffa et v. Joseph Mallia et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' Frar 2002.

2 **Vitafoam Limited v. Kosmipharma Imports Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 26 ta' Gunju 2003.

> "Is-soċjeta ntimata eċċepiet illi l-azzjoni tar-rikorrenti, jekk ibbażata fuq nuqqas ta' kwalita pattwita, l-azzjoni hija perenta ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> "Skont l-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili:
>
> > ***"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt."***
>
> "Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-bejgħ tal-materjal sar bejn Marzu u Awissu tas-sena 2008 kif jidher mid-dokumenti a fol 30–39. Ir-rikors ġuramentat ġie preżentat mir-rikorrenti fit-13 ta' Lulju 2012. Carmen Azzopardi xehdet illi bejn l-2008 u l-2012 il-partijiet kien qiegħdin f'diskussjonijiet u negozjati sabiex jipprova jitransigu l-kwistjoni bonarjament.
>
> "Huwa paċifikament ritenut fil-ġurisprudenza pero illi n-negozjati jew trattattivi li jsiru bejn iż-żewġ kontraenti waqt id-dekors taż-żmien biex jirranġaw jew jirriżolvu l-kwestjoni ma jistgħax ikollhom effikaċja interruttiva, u kif ukoll illi l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma għandhomx l-effikaċja ta' rikonoxximent tad-dejn, għaliex proposti simili jsiru mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.[3]
>
> "Ghalhekk jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta ntimata hija fondata u l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

> "Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' April, 2016 li biha laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimata appellata billi tiċħad l-istess u konsegwentement tirrinvija l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex b'hekk tiġi deċiża l-kawża fil-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata appellata."

6. Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta li, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma;

3 **Martin Mizzi v. Joseph Camilleri,** Qorti tal-Appell Civili deciz 20 ta' Ottubru 2004.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

9. Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-atturi ordnaw it-tqegħid ta' *membrane* likwidu għat-terrazzin madwar il-*pool area* u l-bejt tal-fond tagħhom ġewwa l-Mellieħa. Jidher li x-xogħol ma tax ir-riżultat mixtieq peress illi rriżulta li kien hemm diversi '*blistering*' fil-*membrane*, u għalkemm saru xi xogħlijiet rimedjali, il-'*blistering*' reġa' tfaċċa u nonostante diskussjonijiet, il-*membrane* baqa' ma giex tajjeb. L-atturi fethu din il-kawża li, fil-verita` hija ftit konfuża għax mhux ċar x'inhi l-bażi tagħha. L-azzjoni, in kwantu hijiex bażata fuq nuqqas ta' kwalita` pattwita f'każ ta' bejgħ, jew fuq difetti latenti, ukoll f'każ ta' bejgħ, jew fuq appalt, skont l-atturi, ma treġix, għax skont huma l-azzjoni hi bażata fuq l-Artikolu 73 tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Artijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti ma aċċettatx din is-sottomissjoni tal-atturi, u qieset illi kif inhu redatt ir-rikors promotur, joħroġ ċar li l-azzjoni hija bażata fuq l-istitut ta' bejgħ kif regolat fil-Kodiċi Ċivili. Hija qalet ukoll li l-azzjoni hija bbażata fuq nuqqas ta' kwalita` pattwita, iżda ċaħdet it-talba attriċi wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili.

10. L-atturi appellaw mis-sentenza u qed jinsistu li l-azzjoni tagħhom hija bażata fuq l-imsemmi Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Att XXVIII tal-1994, Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta) u li allura għall-każ japplikaw prinċipji differenti minn dawk applikati mill-ewwel Qorti. Osservaw ukoll li għalkemm skont dan l-Att azzjoni minn konsumatur kontra l-kummerċjant hija preskrivibbli fi żmien sentejn, skont l-Artikolu 78 applikabbli, dan il-perjodu għandu jiġi sospiż sakemm idumu għaddejin in-negozjati bl-għan li jintlaħaq ftehim.

11. Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva mill-ewwel li r-riferenza għall-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jidher li saret "*as an after thought*". Kif osservat l-ewwel Qorti, l-azzjoni attriċi hija bażata fuq kliem li joħroġ mill-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili, l-aktar dawk relatati mal-istitut ta' bejgħ, u kien matul il-kors tal-kawża li l-atturi dehrilhom li jkun aħjar li jibbażaw il-kawża tagħhom fuq l-imsemmi Kap. 378. Kemm hu hekk, fir-rikors promotur ma hemm ebda riferenza għall-Att issa invokat, u lanqas ma tintuża l-diċitura li tintuża fl-Att.

12. Madanakollu, huwa prinċipju tal-ordinament ġuridiku li dak li jista' jiġi salvat, jiġi salvat. Kawża m'għandhiex tintilef jew tintrema 'l barra minħabba nuqqas tal-avukat tal-parti, u jekk hu possibbli, il-kawża trid tiġi mismugħa u deċiża fuq il-mertu tagħha. Meta jingħad li l-oġġett mhux tal-kwalita` pattwita, dan ifisser, fi kliem l-imsemmija liġi tal-konsumatur, illi l-oġġett mibjugħ u/jew il-karatteristiċi jew kwalitajiet tiegħu ma jkunux

jaqblu ma' dak illi kien miftiehem bejn il-partijiet. Infatti, l-Artikolu 73 tal-imsemmi Kap. 378, jagħti diversi eżempji ta' nuqqasijiet li, fi stil li kien miktub il-Kodiċi Ċivili, jistgħu kważi kollha jitqiesu taħt il-kappa ta' nuqqas ta' kwalita` pattwita. L-Artikolu 73 (1) tal-att, fil-fatt, jiddisponi kif ġej:

> *"73. (1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti:-*
>
> *(a) "jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjanti u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u l-kwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant ikun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;*
>
> *(b) "jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lill-kummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;*
>
> *(c) "jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u*
>
> *(d) "juru l-kwalita` u l-kapacita` li huma normali f'oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu d-dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment f'reklamar jew fuq it-tikketti."*

Effettivament, dan l-artikolu qiegħed jiżgura li l-oġġett mibjugħ lill-konsumatur ikun oġġett tal-kwalita` pattwita.

13. Għalhekk, dak li ġie spjegat fir-rikors promotur jista' jitqies bħala użu ta' kliem ġenerali li jkunu jfissru, fid-dettall, ħafna aktar affarijiet. Hu, għalhekk, li inkitbu trattati sħaħ fuq il-Kodiċi Ċivili, għax l-istil huwa ta' artikolu ġenerali, bil-ġuristi u l-qrati jimlew id-dettal. L-istil Ingliż u dak tal-Unjoni Ewropea, (li fuq id-Direttiva tagħha hija bażata din il-liġi) huwa

tista' tgħid, magħżul minn ta' qablu għax il-liġi tidħol fid-dettal mill-ewwel. Dan ma jfissirx li waħda qed teskludi lill-oħra. F'dan il-każ, dak li ġie premess fir-rikors promotur, huwa l-*heading* tal-eżempji li nsibu fil-liġi tal-konsumatur. Li l-oġġett irid ikun konformi mad-deskrizzjoni mogħtija, adattat għall-iskop tiegħu, u juri l-kwalita` u l-kapaċita` li huma normali f'oġġett tal-istess tip, jistgħu jinġabru f'żewġ kelmiet: li l-oġġett ikun ta' "kwalita` pattwita".

14. L-azzjoni attriċi, li f'dan in-negozju għandha l-vesti ta' konsumatur, tista', għalhekk, timxi fuq il-binari tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u jrid issa jiġi deċiż jekk id-difetti riskontrati humiex riżultat ta' nuqqasijiet fil-prodott, kif jallegaw l-atturi, jew ta' "*bad workmanship*", kif issostni s-soċjeta` konvenuta. Dan għad ma ġiex mistħarreġ mill-ewwel Qorti, u l-atti jridu jiġu rinvjati lilha biex tistħarreġ u tiddeċiedi fuq dan il-punt.

15. Din il-Qorti trid tirrileva, pero`, li taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li min wettaq ix-xogħol kien imqabbad mill-atturi. Il-ħaddiem stess xehed li huwa ġie inkarigat iwettaq ix-xogħol mill-atturi, u l-provi jissostanzjaw dan. Del resto, l-atturi ma ressqu ebda aggravju kontra din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

16. Dwar id-diversi eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mis-soċjeta` konvenuta, dawn mhux applikabbli għax joħorġu mill-Kodiċi Ċivili u għal dan il-każ hemm regola appożita fl-imsemmi Kap. 378, li timponi terminu ta' sentejn, iżda, kif rajna, tissospendi l-istess terminu għal tul in-negozjati

bejn il-partijiet. F'dan il-każ, jirriżulta sodisfaċentement li darba ġew riskontrati d-difetti saru diversi diskussjonijiet bi skop li jintlaħaq ftehim. Saru anke offerti ta' kumpens li, pero`, ma sarx qbil dwaru. Kwindi, anke l-preskrizzjoni bażata fuq dan l-artikolu hija miċħuda.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tgħaddi biex tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta nklużi dawk ta' preskrizzjoni, tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija bażata fuq l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex din tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu.

L-ispejjeż tal-kawża sa issa, anka peress li l-atturi, bil-mod kif ifformulaw il-kawża, setgħu taw lok għad-diżgwid li nħoloq, jitħallsu nofs ($^1/_2$) mill-atturi *in solidum* u nofs ($^1/_2$) mis-soċjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm